



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Lulju 2019
(OR. en)

11128/19
PV CONS 40
SOC 546
EMPL 417
SAN 343
CONSOM 203

ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur)
8 ta' Lulju 2019

WERREJ

Pàġna

1.	Adozzjoni tal-aġenda	3
2.	Approvazzjoni tal-punti "A"	
a)	Lista mhux leġislattiva	3

Attivitajiet mhux leġislattivi

3.	Ekonomija tal-Benesseri	4
4.	Semestru Ewropew 2019	4
5.	Pjaneta Nadifa għal kulħadd: Viżjoni strateġika fit-tul għal ekonomija newtralighall-klima - aspetti tal-impjiegi	5
6.	Affarijiet oħra	5
	Żviluppi internazzjonali tax-xogħol u l-politika soċjali	
ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill		6

1. **Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dok. 10662/19.

2. **Approvazzjoni tal-punti "A"**

Lista mhux leġislattiva

10669/19

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dok. 10669/19 inkluż id-dokumenti COR u REV ippreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet marbuta ma' dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

Għall-punti li ġejjin id-dokumenti għandhom jaqraw kif ġej:

Affarijiet Istituzzjonali

Ħatriet

- | | |
|---|--|
| 1. Deċiżjoni dwar in-nonsostituzzjoni ta' Membri tal-Kummissjoni
<i>Konferma tan-nuqqas ta' unanimità</i>
Approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-03.07.2019 | 10797/19
10712/1/19 REV1
+ REV 2 (pt)
INST |
|---|--|

Atti Delegati jew ta' Implimentazzjoni

Trasport

- | | |
|---|---|
| 12. Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../... tat-13.3.2019 li
jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u
tal-Kunsill fir-rigward tal-iskjerament u l-użu operattiv ta' sistemi
ta' trasport intelliġenti kooperattivi
<i>Att delegat - Deċiżjoni li jitqajmu oġġezzjonijiet</i>
Approvat mill-Coreper, Parti 1, fl-04.07.2019 | 10471/19
7510/19
+ COR 1 (sv)
+ ADD 1 - 5
+ ADD 9
TRANS |
|---|---|

Attivitajiet mhux leġislattivi

3. Ekonomija tal-Benesseri *Dibattitu ta' orjentazzjoni*

 10414/19 + COR 1
10416/19

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni abbażi tan-nota ta' gwida tal-presidenza fid-dokument 10416/19. Fil-preżentazzjoni tiegħu tal-istudju topiku tal-OECD (dok. 10414 (+ ADD1)), is-Segretarju Ġenerali tal-OECD José Ángel Gurría enfasizza li l-benesseri u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku. Il-ministri laqgħu s-suġġett bħala f'waqtu ħafna. Huma enfasizzaw il-ħtieġa għal integrazzjoni mal-istrumenti eżistenti, b'mod partikolari l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u s-Semestru Ewropew, u appellaw għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-benesseri fl-istrateġija għal wara Ewropa 2020. Diversi Stati Membri appellaw lill-Kummissjoni li jmiss biex tagħti lill-benesseri post prominenti fil-programm ta' ħidma tagħha. Ħafna delegazzjonijiet enfasizzaw il-ħtieġa għal sett aktar komprensiv ta' indikaturi, lil hinn mill-PDG, biex jitkejjel it-tkabbir ekonomiku sostenibbli. Il-ministri enfasizzaw ukoll il-ħtieġa għal valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa tal-miżuri ta' politika kollha dwar il-benesseri taċ-ċittadini, fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, filwaqt li jiġu rispettati l-ispeċifità nazzjonali u l-kompetenzi tal-Istati Membri. Il-Kummissarju Thyssen enfasizzat il-fatt li l-politiki ekonomiċi u soċjali huma żewġ naħat tal-istess munita u li s-suġġett jista' jikkontribwixxi għaċ-ċiklu ta' politika li jmiss.

4. Semestru Ewropew 2019



a) **Rakkomandazzjonijiet dwar il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma 2019 għal kull Stat Membru**
Approvazzjoni

10687/19
10182/1/19 REV 1
9955/19

Il-Kunsill approva l-aspetti relatati mal-impjiegi u l-politika soċjali tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi. HU ħarġet dikjarazzjoni kif tinsab fl-Anness.

b) **Valutazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs) tal-2019 u l-implimentazzjoni tas-CSRs tal-2018**
Opinjonijiet tal-Kumitati EMCO u KPS
Approvazzjoni

10688/19

Il-Kunsill approva l-opinjonijiet tal-EMCO u l-SPC.

- c) **Deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għal-linji politiċi
dwar l-impjiegi tal-Istati Membri
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu
148(2) TFUE)**

☐ 10475/19
9134/19

Adozzjoni

Il-Kunsill adotta deċiżjoni dwar linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri.

5. **Pjaneta Nadifa għal kulħadd: Viżjoni strateġika fit-tul għal
ekonomija newtrali għall-klima - aspetti tal-impjiegi**

☐ 10467/19

Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni abbażi tal-kwestjonarju tal-Presidenza fid-dokument 10467/19. Id-delegazzjonijiet enfasizzaw il-ħtieġa li l-forza tax-xogħol titħejja għal transizzjoni għal ekonomija aktar nadifa, inkluż permezz ta' taħriġ mill-ġdid għal dawk milquta b'mod negattiv mit-tranżizzjoni. Diversi delegazzjonijiet semmew ir-rabta mal-QFP u l-ħtieġa li jiġu allokat i rżorsi tal-UE għat-tranżizzjoni. Il-Kummissarju Thyssen innutat li r-rapport tal-2019 dwar l-Impjiegi u l-Iżviluppi Soċjali fl-Ewropa ffoka fuq is-sostenibbiltà.

Il-President ikkonkluda li: l-UE għandha tiegħu r-rwol ewlieni fit-tranżizzjoni għal ekonomija newtrali għall-klima; li t-tranżizzjoni għandha titqies bħala opportunità biex titjieb il-kompetittività Ewropea; u li kien importanti li nikkomunikaw u nikkonvinċu liċ-ċittadini Ewropej dwar l-importanza tat-tranżizzjoni.

Affarijiet oħra

6. **Żviluppi internazzjonali fl-impjiegi u l-politiki soċjali**
Informazzjoni mill-Kummissjoni

☐ 10781/19

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

☐ Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

☐ Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" leġislattivi li jinsabu fid-dok. 10662/19**Rigward il-punt
"B" nru 4:****Semestru Ewropew 2019**

Rakkomandazzjonijiet dwar il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma 2019 għal kull Stat Membru

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA**“DIKJARAZZJONI TAL-UNGERIJA**

dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill rigward il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Ungerija tal-2019 u l-għoti ta' opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Ungerija tal-2019

Id-dikjarazzjonijiet dwar is-sistema ġudizzjarja Ungeriża huma politikament motivati, preġudikati u ma jirriflettux ir-realtà peress li l-ambjent leġislattiv rilevanti ma nbidilx matul il-perijodu ta' rapportar. Barra minn hekk, it-test jonqos milli jistabbilixxi r-rilevanza diretta tal-kwistjonijiet enfasizzati għall-oġettivi tas-Semestru Ewropew, u b'hekk jimmina l-kredibbiltà tal-proċess.

Konsegwentement, ir-rakkomandazzjonijiet relatati mal-indipendenza ġudizzjarja u l-aċċess għall-informazzjoni mhumiex ġustifikati, mhumiex sostanzjati u għalhekk mhumiex aċċettabbli. Ma jistgħux iservu bħala bażi ta' dialoġu ta' politika ekonomika sinifikanti u ma jwasslux għal sjieda politika ġenwina.

Tali rakkomandazzjonijiet ma jservux l-għanijiet tal-proċess tas-semestru u għandhom jiġu evitati fil-futur.

Il-modifiki proposti mill-Presidenza Finlandiża jonqsu milli jirrimedjaw in-nuqqasijiet fundamentali tar-Rakkomandazzjonijiet. It-test għad fih ġudizzju ta' valur li mhuwiex sostanzjat minn fatti u jmur lil hinn sew mill-kamp ta' applikazzjoni materjali tas-Semestru Ewropew.

Bħala riżultat, il-Presidenza, fid-diskrezzjoni tagħha stess, tippreżenta test lill-Kunsill li ma jippermettix lill-Ungerija tappoġġa l-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tagħha stess peress li dan mhuwiex konformi mal-kontenut u l-limitazzjonijiet legali tas-Semestru.”